**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

**GUDIKATUR: DR AUDREY J. DEMICOLI, LL.D.**

**SEDUTA TA' NHAR L-ERBGHA 26 TA' GUNJU, 2002.**

**Avviz Numru 1494/01 AJD.**
**Davison Co. Limited**

**vs**

**Joseph Farrugia**

**It-Tribunal,**

**Ra l-Avviz prezentat fid-19 ta' Novembru 2001 fejn is-socjeta' attrici talbet li l-konvenut jigi kkundannat ihallasha s-somma ta' elf u hamsa u ghoxrin Lira Maltin (Lm1025.00) rapprezentanti prodotti gja' mibjugha u kkonsenjati lill-konvenut mill-kumpanija attrici.**
**Bl-ispejjes u bl-imghax sad-data tal-hlas effettiv kontra l-konvenut ngunt ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta tal-konvenut fejn huwa eccepixxa li t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kontra l-istess socjeta' attrici u dan ghar-ragunijiet segwenti:**

**Illi kien sar ftehim li fih kienet parti s-socjeta' attrici, li bih l-istess socjeta' attrici accettat li ssir tpacija bejn l-ammont allegatament dovut mill-knvenut u ammont li l-istess socjeta' kellha taghti lill-kugin tal-konvenut;**
**Illi bla pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, l-ammont mitlub mis-socjeta' attrici huwa eccessiv u *in ogni caso*, trid issir prova da parti tal-istess socjeta' ta' l-ammont mitlub minnha, ladarba l-konvenut qatt ma rcieva kontijiet relattivament ghall-prodotti in kwistjoni.**
**Salv eccezzjoniet ulterjuri.**

**Ra n-nota prezentata mis-socjeta' attrici fejn hija rriduciet it-talba taghha minn elf u hamsa u ghoxrin Lira Maltin (Lm1025.00) ghall-disa' mija u hamsa u sebghin Lira Maltin (Lm975.00).**

**Sema' x-xhieda ta' David Mifsud, Rachael Mifsud, tal-konvenut Joseph Farrugia, ta' Chris Farrugia u ta' Bertin Said. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esibiti.**

**Sema' t-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet .**

**Ikkunsidra:**

**Illi l-kaz jirrigwarda talba ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' Lm975.00 rapprezentatnti prezz ta' accessorji ta' vettura mixtrija mil-konvenut minghand is-socjeta' attrici. Mill-assjem tal-provi rrizulta li l-konvenut effettivamemt xtara l-accessorji**

**ndikati fil-fattura esebita a fol. 12 tal-process. Ma jirrizultax li hemm xi kontestazzjoni dwar il-prezz jew il-kwalita' tal-oggetti mibjugha izda l-konvenut jikkontendi li l-ammont pretiz m'huwiex dovut stante li fil-mument li sar il-bejgh sar ukoll ftehim fis-sens li kellha ssir tpacija bejn l-ammont dovut mill-konvenut rapprezentanti l-prezz tal-oggetti mibjugha lilu mis-socjeta' attrici u ammont iehor li s-socjeta' attrici kellha thallas lill-kugin tal-konvenut, Chris Farrugia, bhala prezz ta' oggetti li s-socjeta' attrici kienet xtrat minghand dan Chris Farrrugia.**

**Illi fil-fehma ta' dan it-Tribunal l-eccezzjonijiet tal-konvenut huma insostenibbli ghal diversi ragunijiet. Wiehed difficilment jifhem kif tista' ssir tpacija bejn zewg ammonti fejn il-kreditur u d-debitur m'humiex l-istess persuni ghaz-zewg ammonti. Isegwi ghalhekk li kellu jkun hemm assenjazzjoni jew cessjoni tal-kreditu li Chris Farrugia kellu kontra s-socjeta' attrici favur il-konvenut odjern qabel ma setghet issir it-tpacija allegata mill-konvenut ,izda jekk wiehed jaghmel referenza ghall-Artikolu 1470 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, wiehed isib li tali cessjoni ma tiswiex jekk ma ssirx bil-miktub. Illi l-konvenut ma ressaq ebda prova fis-sens li tali assenjazzjoni saret bil-miktub. Isegwi ghalhekk li kieku kellha titwemmem il-verzjoni tal-konvenut dwar il-ftehim li sar, tali ftehim m'huwiex validu stante li ma sarx bil-miktub.**

**Illi inoltrre t-Tribunal huwa tal-fehma li l-verzjoni tal-konenut u tax-xhieda minnu prodotti m'hijiex kredibbli. Chris Farrugia per**

ezempju xehed li ma jiftakarx kemm kienu l-ammonti nvoluti fit-tpacija filwaqt li Bertin Said, li allegatament akkompanja lill-konvenut u lil Chris Farrugia meta nxtraw l-oggetti li jifformaw il-mertu tal-kawza odjerna stqarr li ma ssemmewx ammont meta saret it-tpacija. Wiehed isibha ferm difficli jifhem kif tista' ssir tpacija minghajr ma jissemmew l-ammonti rispettivi dovuti mill-partijiet.. Irid jinghad ukoll li inizjalment il-konvenut ammetta li kien hallas depozitu ta' Lm50.00 mill-prezz tal-oggetti mixtrija minnu minhgand is-socjeta' attrici ( vide xhieda tal-4 ta' Marzu 2002) izda sussegwentement ( vide xhieda tas-26 ta' Marzu 2002) biddel il-verzjoni u qal li dan id-depozitu kien ghamlu akkont ta' prezz ta' oggetti ohra mixtrija minnu minhgand is-socjeta' attrici u cioe' oggetti separati minn dawk li jifformaw il-mertu tal-kawza odjerna.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut, jilqa' t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' disa' mija u hamsa u sebghin Lira Maltin (Lm975.00) bl-imghaxijiet legali pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' din l-istanza ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenut skond il-ligi.

Avukat Dr. Audrey J. Demicoli
Gudikatur.